MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 11/2004

APS Bank Limited

vs

George u Jane konjugi Zammit

Il-Qorti,

Rat l-avviz li bih s-socjeta' attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati ihalsuha s-somma ta' tlett elef seba' mija u tnejn u disghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm3,792.42) rapprezentanti bilanc dovut in konnessjoni ma' "Overdraft Account" bin-numru 11325031017 skond il-prospett hawn anness u markat Dok. A, bl-imghax legali mil-31 ta' Dicembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Marzu 2004 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju

pprezentat kontestwalment, kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Semghet rapprezentant tas-socjeta' attrici jixhed;

Rat l-verbali tal-udjenzi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti mhux qeghdin jikkontestaw illi huma ghandhom jaghtu lill-Bank attur bilanc ta' flus rizultanti minn "overdraft" fuq il-kont numru 11325031017 intestat f'isimhom. Dan jirrizulta mill-verbali ta' l-udjenzi minn fejn jirrizulta wkoll li l-konvenuti ma pprezentaw ebda nota ta' eccezzjonijiet. Jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti li fil-mori tal-kawza l-konvenuti halsu xi ammonti b'dan illi l-ammont dovut gie ridott. Skond l-ahhar prospett esebit mill-bank attur l-ammont illum dovut salv imghax mill-4 ta' Frar 2005 jammonta ghal elf seba' mija wiehed u hamsin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm1751.82).

Illi ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni dwar dan l-ahhar prospett salv li din l-Qorti qeghdha tinnota figura ta' mitejn u erbatax-il lira Maltin (Lm214) annotata bhala 'court fees' li fil-fehma taghha m'humiex dovuti f'dan l-istadju u b'hekk ma kellhomx jigu aggregati mal-bilanc dovut mill-konvenuti.

Ghaldaqstant, qeghdha tiddeciedi l-kawza billi qeghdha tilqa' t-talba tal-Bank attur fis-somma ta' elf tliet mija sebgha u hamsin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm1357.82) u kwindi qeghdha tikkundanna lill-konvenuti jhalsu dan l-ammont bl-imghax dekorribbli mil-4 ta' Frar 2005 u l-ispejjez kif mitluba fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------